IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2015
COM(2015) 237 final

2015/0122 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463/UE dwar l-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fil-25 ta' Ġunju 2012, Ċipru ressaq talba għal għajnuna finanzjarja mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Fil-25 ta' April 2013, il-Kunsill iddeċieda (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE) li Ċipru għandu jimplimenta b'mod rigoruż programm ta' aġġustament makroekonomiku, li jindirizza riskji speċifiċi li joħorġu minn Ċipru għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro u jimmira biex malajr jistabbilixxi mill-ġdid sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja soda f'Ċipru. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2013/463/UE.

Fl-24 ta' April 2013 il-Bord tal-Gvernaturi tal-MES iddeċieda li jagħti, fil-prinċipju, sostenn ta' stabbiltà lil Ċipru u approva l-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika (minn hawn 'il quddiem "MtQ") u l-iffirmar tiegħu mill-Kummissjoni f'isem il-MES. Fit-8 ta' Mejju 2013 il-Bord tad-Diretturi tal-MES approva ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja. Il-programm ta' tliet snin ikopri l-perjodu min-nofs l-2013 sal-31 ta' Marzu 2016.

Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu l-għan li jreġġa' lura l-fiduċja fis-suq finanzjarju, jistabbilixxi mill-ġdid bilanċi makroekonomiċi sodi u li jippermetti lill-ekonomija terġa' lura għal tkabbir sostenibbli. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-programm huwa msejjes fuq tliet pilastri. L-ewwel pilastru huwa strateġija għas-settur finanzjarju bbażata fuq ir-ristrutturar u t-tiċkin tal-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu u t-tisħiħ tas-sorveljanza tiegħu, bi sforzi biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fil-kapital u l-likwidità. It-tieni pilastru huwa strateġija ambizzjuża ta' konsolidazzjoni fiskali, li tibni fuq l-isforzi ta' konsolidazzjoni mibdija fl-2012, b'mod partikolari permezz ta' miżuri biex jitnaqqas l-infiq primarju attwali, jissaħħaħ id-dħul tal-gvern, jitjieb il-funzjonament tas-settur pubbliku u tinżamm konsolidazzjoni fiskali fuq medda medja ta' żmien. L-għan huwa li jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv tal-gvern ġenerali u li l-proporzjon ta' dejn pubbliku gross mal-PDG jaqbad xejra 'l isfel fuq perjodu ta' żmien medju. L-awtoritajiet huma impenjati biex sal-2016 inaqqsu d-defiċit għal inqas minn 3% tal-PDG. L-implimentazzjoni tajba ta' Fondi Strutturali u Fondi oħra tal-UE, kif ukoll tal-inizjattivi ta' politika tal-UE mmirati lejn żieda fl-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku għandha tinżamm. Dan ikun ta' kontribut biex Ċipru jitqiegħed fuq it-triq ta' tkabbir għal żmien twil. It-tielet pilastru huwa magħmul minn aġenda ambizzjuża ta' riformi strutturali, bil-għan li jingħata sostenn lill-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u bbilanċjat, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lil Ċipru fl-2012, u li tippermetti t-treġġigħ lura tal-iżbilanċi makroekonomiċi. Filwaqt li tiġi mfakkra fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ[1], l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u l-prospetti tagħhom li jsibu impjieg għandhom jissaħħu.

F'konformità mal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u, fejn xieraq, mal-FMI, għamlet is-sitt analiżi biex tevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom. B'riżultat ta' dan, aġġornament tal-MtQ ġie miftiehem fil-livell tas-servizzi fl-oqsma tar-riforma tas-settur finanzjarju, il-politika fiskali u r-riformi strutturali. Għas-settur finanzjarju, wara l-liberalizzazzjoni sħiħa tal-miżuri restrittivi esterni fis-6 ta' April 2015, l-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jkomplu jimmonitoraw mill-qrib is-sitwazzjoni ta' likwidità tas-settur bankarju. Barra minn hekk, il-MtQ rivedut jeħtieġ miżuri addizzjonali biex jindirizza l-pożizzjoni ta' dejn korporattiv u tal-unitajiet domestiċi, u jsaħħaħ iktar il-qafas għar-ristrutturar sostenibbli tad-dejn privat fuq żmien twil, inklużi miri għar-ristrutturar ta'

[1] ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

self improduttiv u studju dwar l-indempjenza strateġika. Barra minn hekk, qed jintalbu miżuri biex issir riforma tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Fir-rigward tal-qafas il-ġdid tal-insolvenza u l-preklużjoni, il-MtQ il-ġdid jesiġi li l-awtoritajiet jimmonitoraw, fuq bażi kontinwa, l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-qafas u jiżguraw li jsostni l-għanijiet u l-prinċipji tiegħu, u li jiġu adotatti emendi jekk ikunu meħtieġa. Dan jinkludi wkoll żewġ azzjonijiet preċedenti, jiġifieri s-sottomissjoni ta' proposta legali li tippermetti l-bejgħ tas-self, u ta' proposta legali li tiżgura li titoli ta' propjetà maħruġa jiġu trasferiti lix-xerrejja tal-proprjetà mingħajr dewmien, filwaqt li jkun hemm salvagwardji kontra l-abbuż.

Fir-rigward tal-politika fiskali, sabiex jirrefletti l-prestazzjoni fiskali fl-ewwel kwart tal-2015, il-bilanċ primarju fil-mira għall-2015 għandu jiġi rivedut 'il fuq sa surplus ta' mill-inqas EUR 264 miljun (1.5 % tal-PDG) u l-mira għas-surplus primarju għall-2016-2018 għandha tiġi riaġġustata, ukoll biex tibqa' konformi mal-perkors ta' aġġustament preskritt mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-qasam tar-riformi fiskali-strutturali u strutturali, il-MtQ rivedut issa jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Sistema Nazzjonali tas-Saħħa (NHS) sal-2017. Dwar l-amministrazzjoni tad-dħul u l-konformità fiskali, il-MtQ jipprevedi l-operazzjonalizzazzjoni tal-aġenzija tat-taxxa integrata bit-twaqqif ta' proċess ta' reġistrazzjoni uniku u l-approvazzjoni ta' kodiċi ta' proċedura tat-taxxa ġdid. Dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-MtQ rivedut jeħtieġ, wara r-rieżami orizzontali, l-adozzjoni fl-2015 ta' pjan ta' riforma li jindirizza l-mekkaniżmu għall-iffissar tal-pagi, jintroduċi sistema ġdida ta' evalwazzjoni u promozzjoni, u jtejjeb il-mobbiltà tal-persunal. Dwar ir-riforma tas-servizzi soċjali, il-MtQ rivedut jipprovdi għall-preżentazzjoni ta’ perspettiva unika ta’ benefiċċji, li l-unità ta’ monitoraġġ se tuża bħala bażi biex tiffinalizza rapport ta’ valutazzjoni tar-riforma tas-sistema ta' protezzjoni soċjali. Il-MtQ jeħtieġ li l-awtoritajiet iressqu proposti għall-konsolidament tal-benefiċċji għad-diżabbiltà u l-istudenti. Dwar ir-regolament tas-suq tad-djar, huma inklużi rekwiżiti ulterjuri biex jiġi aċċellerat il-ħruġ ta’ titoli tal-proprjetà. Fil-qasam tat-turiżmu, se jitħejja studju bħala kontribut għall-istrateġija nazzjonali għat-turiżmu bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għat-Tkabbir. Fil-qasam tal-enerġija, l-awtoritajiet se jagħżlu l-opzjoni preferuta għar-reġim regolatorju tal-gass u l-elettriku u l-organizzazzjoni tas-suq f'konformità mal-iżviluppi rigward is-separazzjoni tal-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru (EAC).

Id-deċiżjoni proposta tiżgura konsistenza sħiħa bejn il-qafas ta’ sorveljanza multilaterali tal-Unjoni Ewropea stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-kundizzjonalità ta’ politika li tirfed il-programm ta’ aġġustament ekonomiku. B'mod notevoli, l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jipprovdi għal konsistenza fir-rapportar u l-obbligi ta' monitoraġġ.

2015/0122 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463/UE dwar l-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 japplika għal Stati Membri li diġà qed jirċievu assistenza finanzjarja, inklużi dawk mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), fil-mument tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi r-regoli għall-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu għajnuna finanzjarja, li jeħtieġ li jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES.

(3) Wara t-talba tal-25 ta' Ġunju 2012 minn Ċipru għal assistenza finanzjarja mill-MES, fil-25 ta' April 2013 il-Kunsill iddeċieda permezz tad-Deċiżjoni 2013/236/UE[3] li Ċipru kellu jimplimenta programm ta' aġġustament makroekonomiku b'mod rigoruż.

(4) Fl-24 ta' April 2013 il-Bord tal-Gvernaturi tal-MES iddeċieda li jagħti, fil-prinċipju, sostenn ta' stabbiltà lil Ċipru u approva l-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika u l-iffirmar tiegħu mill-Kummissjoni f'isem il-MES.

(5) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, il-programm ta' aġġustament makroekonomiku ġie adottat fil-forma ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill[4]. Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza ġuridika, il-programm ġie adottat mill-ġdid abbażi tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013. Is-sustanza tal-programm baqgħet identika għal dik approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE, iżda l-programm inkorpora wkoll ir-riżultati tar-rieżami mwettaq skont

---

2 ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE tal-25 ta' April 2013 indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli (ĠU L 141, 28.5.2013, p. 32).

4 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/463/UE tat-13 ta' Settembru 2013 dwar l-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/236/UE (ĠU L 250, 20.9.2013, p. 40).

l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/236/UE. Fl-istess ħin, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE ġiet imħassra.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/463/UE diġà ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2014/169/UE u d-Deċiżjoni 2014/919/UE. Fid-dawl tal-aħħar żviluppi, għandha tiġi emendata mill-ġdid.

(7) Bi qbil mal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/463/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u l-FMI, għamlet is-sitt rieżami biex tevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma kif ukoll l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom. B'riżultat ta' dan, għandu jsir tibdil fl-oqsma tar-riforma tas-settur finanzjarju, il-politika fiskali u r-riformi strutturali, li jirriflettu l-passi meħduda mill-awtoritajiet Ċiprijotti sal-ewwel kwart tal-2015, b'mod partikolari rigward: (i) li titkompla tiġi mmonitorata mill-qrib is-sitwazzjoni ta' likwidità tas-settur bankarju; (ii) li r-regolazzjoni u s-superviżjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondijiet tal-pensjoni tiġi ssimplifikata; (iii) miżuri ulterjuri biex il-ġestjoni tal-banek ta' self improduttiv tiġi msaħħa u biex jiġu żgurati soluzzjonijiet sostenibbli ta' ristrutturar fuq terminu twil, inkluż miri għas-soluzzjoni ta' self improduttiv u studju tal-inadempjenza strateġika; (iv) is-sottomissjoni ta' proposta legali li tippermetti l-bejgħ ta' self; (v) il-preżentazzjoni ta' proposta legali li tiżgura t-trasferiment mingħajr dwemien ta' titoli ta' proprjetà maħruġin waqt li jkun hemm salvagwardja kontra l-abbuż; (iv) il-monitoraġġ fuq bażi kontinwa tal-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-qafas ta' insolvenza u preklużjoni u jiġi żgurat li dan jappoġġja l-għanijiet u l-prinċipji tiegħu; (vii) sabiex tiġi riflessa l-prestazzjoni fiskali fl-ewwel kwart tal-2015, reviżjoni tal-bilanċ primarju fil-mira tal-2015 għal surplus ta' mill-inqas EUR 264 miljun (1.5 % tal-PDG) u aġġustamenti ulterjuri għas-surplus primarju fil-mira għall-2016-2018, ukoll sabiex jibqa' f'konformità mal-perkors ta' aġġustament preskritt mill-patt ta' stabbiltà u tkabbir; (viii) l-implimentazzjoni sħiħa ta' Sistema Nazzjonali tas-Saħħa (NHS) sal-2017; (ix) li titqiegħed fis-seħħ aġenzija tat-taxxa integrata bit-twaqqif ta' proċess ta' reġistrazzjoni uniku l-approvazzjoni ta' kodiċi ta' proċedura tat-taxxa ġdid; (x) l-adozzjoni ta' pjan ta' riforma għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika li twassal għat-titjib tal-mekkaniżmu li bih jinħadmu l-pagi, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' evalwazzjoni u promozzjoni għall-persunal, u żieda fil-mobilità tal-persunal; (xi) il-konsolidament tal-benefiċċji tad-diżabbiltà u l-istudenti; (xii) l-inlużjoni ta' rekwiżiti ulterjuri fir-regolamenti tas-suq tal-abitazzjoni sabiex il-ħruġ ta' titoli ta' proprjetà jiġi aċċellerat; (xiii) it-tħejjija ta' studju bħala kontribut għall-istrateġija nazzjonali għat-turiżmu bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għat-Tkabbir; u (xiv) l-għażla ta' reġim regolatorju u l-organizzazzjoni tas-suq għall-gass u l-elettriku, u iktar progress fis-separazzjoni tal-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru (EAC).

(8) Matul l-implimentazzjoni tal-pakkett komprensiv ta' politika ta' Ċipru, il-Kummissjoni għandha tipprovdi konsulenza politika addizzjonali kif ukoll assistenza teknika f'oqsma speċifiċi. Stat Membru soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku li jesperjenzja kapaċità amministrattiva insuffiċjenti jista' jfittex assistenza teknika mill-Kummissjoni, li tista' tikkostitwixxi, għal dan l-għan, gruppi ta' esperti.

(9) L-awtoritajiet Ċiprijotti għandhom ifittxu l-opinjonijiet, skont ir-regoli u l-prattika nazzjonali preżenti, tas-sħabsoċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2013/463/UE huwa b’dan emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"5. Bil-għan li tinkiseb lura s-sodezza tas-settur finanzjarju tiegħu, Ċipru jkompli jimplimenta r-ristrutturar tas-settur bankarju u s-setturi tal-istituzzjoni ta' kreditu kooperattiv, ikompli jsaħħaħ is-sorveljanza u r-regolamentazzjoni waqt li jieħu kont tar-rwol tal-MSU, u jagħmel riforma tal-qafas ta' ristrutturar tad-dejn filwaqt li jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja.

Il-programm jipprevedi dawn il-miżuri u r-riżultati:

(a) li jiġi żgurat li s-sitwazzjoni ta' likwidità tas-settur bankarju tiġi monitorata biss sakemm ikunu strettament meħtieġa sabiex jipprevjenu riskji serji u immedjati għall-istabbiltà finanzjarja. Il-pjanijiet rigward il-finanzjament u l-kapital tal-banek domestiċi li jiddependu fuq il-finanzjament mingħand il-bank ċentrali jew li jirċievu għajnuna mill-istat ikunu jirriflettu b’mod realistiku t-tnaqqis fl-ingranaġġ antiċipat fis-settur bankarju, u jnaqqsu d-dipendenza fuq is-self mill-bank ċentrali, filwaqt li jiġu evitati bejgħ taħt emerġenza ta’ assi u kriżi tal-kreditu;

(b) l-adattament tar-rekwiżiti ta’ kapital minimu, filwaqt li jittieħed kont tal-parametri ta’ valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ u l-valutazzjoni komprensiva;

(c) banek b’defiċit ta’ kapital jistgħu, jekk miżuri oħrajn ma jkunux biżejjed, jitolbu għajnuna għar-rikapitalizzazzjoni mill-Istat skont il-proċeduri ta’ għajnuna mill-Istat. Banek bi pjanijiet ta' ristrutturazzjoni jirrapportaw dwar il-progress fl-implimentazzjoni tagħhom tal-pjanijiet;

(d) l-iżgurar li r-reġistru ta' kreditu huwa operazzjonali bis-sħiħ;

(e) it-teħid tal-kont tat-tranżizzjoni għall-MSU, l-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas regolatorju fir-rigward tal-bidu tas-self, l-indeboliment tal-assi u forniment;

(f) l-iżgurar li l-banek jikkomunikaw regolarment mal-awtoritajiet u s-swieq dwar il-progress fir-ristrutturar tal-operazzjonijiet tagħhom;

(g) l-iżgurar tar-reviżjoni tad-direttiva għall-governanza, li tispeċifika, fost l-oħrajn, l-interazzjoni bejn l-unitajiet ta’ verifika interna tal-banek u s-superviżuri tal-bank;

(h) it-tisħiħ tal-governanza tal-banek, inkluż billi jiġi pprojbit is-self lil membri indipendenti tal-bord jew lil partijiet relatati magħhom;

(i) l-iżgurar tal-persunal u l-emendi meħtieġa fid-dawl tar-responsabbiltà l-ġdida meħuda mill-Bank Ċentrali ta' Ċipru (CBC), b'mod partikolari għall-funzjonijiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni, u t-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tas-Sett Uniku tar-Regoli, inkluż id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*), u d-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(j) is-simplifikazzjoni tar-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondijiet tal-pensjoni;

(k) it-tisħiħ tal-ġestjoni ta’ self improduttiv, filwaqt li jittieħed kont tal-iżviluppi u l-iskedi ta' żmien tal-MSU. Dan b'mod partikolari jinkludi: il-monitoraġġ u l-pubblikazzjoni tal-miri ta' ristrutturar stabbiliti mis-CBC; miżuri li jippermettu lill-mutwanti jiksbu informazzjoni finanzjarja adegwata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja

tal-mutwatarji, u jitolbu, jiksbu u jwettqu t-tqegħid ta' assi finanzjarji u l-qligħ ta' mutwatarji delinkwenti; miżuri biex jiġu permessi u ffaċilitati t-trasferiment mingħand il-mutwanti għal partijiet terzi ta' self individwali eżistenti, flimkien mal-kollateral u s-sigurtajiet kollha, mingħajr ma wieħed ikollu jikseb kunsens mingħand il-mutwatarju;

(l) leġiżlazzjoni li tiżgura t-trasferiment malajr ta' titoli ta' proprjetà maħruġin lil xerrejja tal-proprjetà, filwaqt li jkun hemm salvagwardji kontra l-abbuż;

(m) illi l-limiti fuq il-qbid tal-kollateral ma jibqgħux daqshekk stretti, b'mod partikolari billi jiġi żgurat il-funzjonament bla ntoppi u effettiv tal-qafas rivedut tal-preklużjoni; dan ikun akkompanjat billi r-riforma komprensiva tal-proċeduri tal-insolvenza korporattiva u personali tiġi implimentata u kkumplementata, inkluż bi kwalunkwe atti amministrattivi u regolamenti oħrajn meħtieġa. L-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-qafas il-ġdid tal-insolvenza jiġi mmonitorat fuq bażi kontinwa sabiex jiġi żgurat li hija tappoġġja l-objettivi u l-prinċipji tagħha, u jekk meħtiet, jiġu proposti emendi. Barra minn hekk, sa kmieni fl-2016 se jsir rieżami komprensiv tal-qafas legali tar-ristrutturar tad-dejn tas-settur privat, bi pjan ta' azzjoni ta' modifiki għall-qafas biex kwalunkwe defiċenzi li hemm jiġu korretti. Rakkomandazzjonjiet dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u r-Regoli tal-Qorti jiġu fformulati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effettiv tal-liġi dwar il-preklużjoni riveduta u l-oqfsa l-ġodda tal-insolvenza, filwaqt li jkollhom fil-mira t-tħaffif tal-pass fil-qorti u t-tnaqqis tal-akkumulazzjoni tax-xogħol b'lura fil-qrati;

(n) li titlesta l-armonizzazzjoni tar-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet koperattivi ta' kreditu ma' dawk tal-banek kummerċjali;

(o) l-iżgurar li l-Grupp Kooperattiv jipprovdi għal implimentazzjoni sħiħa u fil-ħin tal-pjan ta' ristrutturar miftiehem u jieħu aktar miżuri biex itejjeb il-kapaċità operazzjonali tiegħu b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġestjoni ta' arretrati, fis-Sistema tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni, il-governanza, u l-kapaċità tal-ġestjoni;

(p) jitkompla t-tisħiħ tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus u jiġi implimentat pjan ta' azzjoni li jiżgura l-applikazzjoni ta' prattiċi mtejba fir-rigward tad-diliġenza dovuta tal-klijent u trasparenza tal-entitajiet, f'konformità mal-aħjar prattika;

(*)Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

(**) Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149)."

(2) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7b. Għall-politika fiskali fl-2017-18, l-awtoritajiet Ċiprijotti jsegwu bilanċ ġenerali tal-gvern li se jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u li huwa konformi mal-perkors ta' aġġustament preskritt mill-patt ta' stabbiltà u tkabbir."

(3) Fil-paragrafu 8, il-punt (h) jinbidel b'dan li ġej:

"(h) riforma tal-amministrazzjoni pubblika biex jittejbu l-funzjonament u l-effettività tagħha, b'mod partikolari billi jiġi rivedut id-daqs u l-organizzazzjoni funzjonali tas-servizz pubbliku, billi jitjieb il--mekkaniżmu li jistabbilixxi l-pagi, li

jiġu introdotti sistemi ġodda ta' evalwazzjoni u promozzjoni tal-persunal u tiżidied il-mobilità tal-persunal sabiex ikun żgurati l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u l-provvista ta’ servizz ta’ kwalità lill-popolazzjoni;

(4) Il-paragrafi 12 u 13 jinbidlu b’dan li ġej:

"12. Ċipru jiżgura li jitnaqqas l-ammont akkumulat ta' titoli ta' proprjetà li għandhom jinħarġu, u jissimplifika l-proċeduri sabiex jippermetti l-ħruġ bla dewmien u effiċjenti ta' titoli ta' proprjetà u ċertifikati tal-bini ġodda.

13. Ċipru jieħu inizjattivi sabiex isaħħaħ il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu tiegħu, bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għat-Tkabbir, b'mod partikolari billi jimplementa l-pjan ta' azzjoni għas-settur tat-turiżmu, billi jidentifika l-impedimenti għall-kompetizzjoni fis-settur tat-turiżmu, billi jadotta strateġija nazzjonali għat-turiżmu, u billi jimplementa strateġija aeropolitika li tieħu kont tal-ftehimiet dwar l-avjazzjoni esterni tal-UE u tal-UE, filwaqt li jiżgura konnettività bl-ajru suffiċjenti."

(5) Il-paragrafu 16 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"16. Ċipru jimplementa l-Pjan ta' Azzjoni għat-tkabbir b'konsiderazzjoni dovuta lejn ir-riforma kontinwa tal-amministrazzjoni pubblika, ir-riforma fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, impenji oħra fil-programm ta’ aġġustament makroekonomiku ta' Ċipru u inizjattivi rilevanti tal-UE li jieħdu kont tal-Ftehim ta' Sħubija għall-implimentazzjoni tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment. Il-Pjan ta' Azzjoni għat-Tkabbir se jkun ikkoordinat u infurzat permezz ta' korp wieħed."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[…]